C/2024/6374

23.10.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11707 — OMERS/DWS/GRANDI STAZIONI RETAIL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6374)

1. Fis-16 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OMERS Infrastructure European Holdings B.V. ("OMERS Infrastructure", in-Netherlands), ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation ("OMERS", il-Kanada),

— Il-Fond Pan-Ewropew għall-Infrastruttura IV, SCSp ("PEIF IV", il-Lussemburgu), ġestit minn sussidjarji ta' DWS Group GmbH &Co KGaA ("DWS", il-Ġermanja), ikkontrollat minn Deutsche Bank AG ("Deutsche Bank", il-Ġermanja),

— Grandi Stazioni Retail S.p.A. ("GSR", l-Italja).

OMERS Infrastructure u DWS se jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tat-totalita ta' GSR.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— OMERS Infrastructure timmaniġġja l-pjattaforma Ewropea ta' investiment fl-infrastruttura għall-OMERS u tagħmel investimenti f'assi infrastrutturali Ewropej. OMERS huwa l-amministratur tal-Pjan tal-Pensjoni Primarja tas-Sistema tal-Irtirar tal-Impjegati Muniċipali ta' Ontario, fond tal-pensjoni Kanadiż,

— DWS hija kumpanija ta' ġestjoni tal-assi istituzzjonali li toffri investimenti attivi, passivi u alternattivi f'firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' assi (u taġixxi, għal dawn l-għanijiet, fil-kapaċità tagħha ta' maniġer tal-investiment tal-PEIF IV, il-fond ta' investiment għall-finijiet tat-tranżazzjoni notifikata). Deutsche Bank huwa fornitur globali ta' servizzi finanzjarji,

— GSR tikri spazji għall-bejgħ bl-imnut u timmaniġġja r-reklamar f'14-il stazzjon ferrovjarju fl-Italja, u għandha ftehim ta' lokazzjoni għall-ġestjoni ta' stazzjon ferrovjarju fiċ-Ċekja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11707 – OMERS / DWS / GRANDI STAZIONI RETAIL

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË